MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 446/2009

**Techinvest Limited (C26203)**
**vs**
**Blacktop Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mija u erba' ewro u tnejn u tmenin ewro centezmi (€104.82) rapprezentanti bilanc pendenti dovut lis-socjeta' Nextweb Limited (C-26800) li pprovdiet servizz ta' l-internet, kopja annessa mat-talba. Illi dan il-kreditu gie assenjat lis-socjeta' attrici permezz ta' ftehim anness mat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax kumercjali mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat Kapitolu fil-5 ta’ Ottubru, 2009 mill-Avukat Geraldine Spiteri u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li ikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------